

Brussell, 6 ta' Jannar 2017
(OR. en)

15470/16

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0366 (NLE)
2016/0112 (NLE)

COASI 231
ASIE 94
NZ 6
POLGEN 165

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni
tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u New Zealand, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 207 u l-Artikolu 212(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ [ĠU C ..., p.][Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).]

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2079¹, il-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fil-5 ta' Ottubru 2016, u xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu qed jiġu applikati fuq bażi provviżorja skont l-Artikolu 58 tal-Ftehim, sakemm jidħol fis-seħħ.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jsaħħa il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferażżjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, is-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-edukazzjoni, il-kultura, ix-xogħol, il-ġestjoni tad-diżastri, is-sajd u l-affarijiet marittimi, it-trasport, il-kooperazzjoni legali u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2079 tad-29 ta' Settembru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra (ĠU L 321, 29.11.2016, p. 1).

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 58(1) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jikkopresjedi l-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 53 tal-Ftehim.

L-Unjoni jew, skont kif ikun il-każ, l-Unjoni u l-Istati Membri, għandhom ikunu rrapreżentati fil-Kumitat Konġunt skont is-suġġett.

¹ Il-Ftehim ġie ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 321, 29.11.2016, p. 3) flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
